Lid-Direttur

Dipartiment tal-Kuntratti

Notre Dame Ravelin.

Furjana, FRN 1600

21 ta' Ġunju 2022,

**Re: Abbużi fil-Qasam tal-Akkwist pubbliku.**

Għażiż Direttur tad-Dipartiment tal-Kuntratti,

Fost in-nies li nitlaqgħu magħhom ta' spiss nitkellmu ma' imprendituri, self-employed u sidien ta' kumpanniji. Ta' spiss jirrakontawlek kif il-kompetituri tagħhom jieħdu xogħol tal-gvern, 'għax jafu n-nies' mentri huma jħossu li m'għandhom l-ebda ċans biex jipparteċipaw u joffru s-servizzi u prodotti tagħhom. Dan mhux sewwa. Il-prattika tad-direct orders minn awtoritajiet u ministeri qegħda toqtol il-kompetizzjoni u twarrab f'xifer il-falliment lil ħafna imprendituri u kumpannji li għax 'mhux imqabbdin' qed jispiċċaw esklużi mis-suq.

**Filwaqt li l-politiċi jistgħu jippruvaw imexxu prattiċi konvenjenti għalihom, id-dipartiment tiegħek għandu jkun gwardjan tar-regolamenti dwar l-akkwist pubbliku.** Tali regolamenti, li ġejjin ukoll minn liġijiet Ewropej, jikkunsidraw li d-*direct orders* għandhom ikunu l-eċċezzjoni u jintużaw biss f'każijiet ta' urġenza jew fejn l-interess pubbliku jiġġustifika li tonqos il-kompetizzoni u t-trasperenza normalment assigurati minn sejħa pubblika miftuħa għal kulħadd.

Reċentement il-Qrati ġew mitluba jiddeċiedu fuq żewġ kwistjonijiet li sfortunatament ma jixhdu xejn sabiħ fuq ix-xogħol tad-dipartiment tiegħek bħala gwardjan tar-regolamenti msemmija.

L-ewwel każ kien jirrigwarda kuntratt dirett mogħti mill-Ministeru għal-Edukazzjoni lill-'Specialist Group'. Jidher ċar mill-fatti hekk kif deskritti mill-Qorti li dan il-każ kien każ ċar ta' inkompetenza min-naħa tal-Ministeru tal-Edukazzjoni u inti intervjenejt billi approvajt din il-proċedura ħalli jinħbew in-nuqqasijiet fl-amministrazzjoni ta' dak li bil-ħaqq u s-sewwa kellu jkun sejħa għal offerti u minflok spiċċat *f'direct order* lil Specialist Group u dana mingħajr ebda urġenza reali. Minn dak li qalet il-Qorti jidher li inti qed tispiċċa kompliċi ta' din l-imġieba irregolari.

Nixtieq nikkwota parti minn din is-sentenza li tgħid is-segwenti:

> "Kif il-gvern mexa f'dan il-każ jirriżulta ċar li l-urġenza, jekk kien hemm, ħoloqha hu stess bil-prokrastinar fil-proċedura adoperata. It-trapass taż-żmien kien tali li elimina kwalunkwe immedjatezza li seta' kien hemm bejn il-pandemija tal-Covid-19 u l-protokolli u l-urġenza għax-xiri tas-servizzi tat-tindif."

Il-Qorti kompliet fil-paragrafu 11 tas-sentenza billi tgħid:

> "L-awtorita` kompetenti, li baqgħet titnikker fuq il-materja, ma tistax, wara żmien, tgħid li l-materja saret urġenti !"

Nixtieq nistaqsi, wara kliem daqstant ċar mill-Qorti x'miżuri qed jieħu d-Dipartiment tal-Kuntratti sabiex jindirizza dawn in-nuqqasijiet?

Każ ieħor li inġieb għall-attenzjoni tagħna huwa l-każ li ġie deċiż f'Marzu li għadda fl-ismijiet Pharma-mt Ltd. Vs Direttur Tal-Kuntratti et fejn il-Qorti qalet is-segwenti:

> "10. Din il-Qorti tħoss, jew aħjar, għandha suspett, li xi ħadd x'imkien ried iwarrab lis-soċjetà appellanti għall-kwalunkwe skuża jew ried jaġevola lis-soċjetà E.J. Busuttil Ltd. Dan jingħad għax ir-raġuni prinċipali għall-iskwalifika kienet palesament ħażina għax marret kontra dak espressament provdut fis-sejħa, filwaqt li t-tieni raġuni setgħet u kellha tiġi ċċarata mingħajr ma jintrifes il-prinċipju ta' proporzjonalita` u trasparenza li jirregolaw il-materja."

Aħna tal-fehma li dawn il-kliem huma kliem iebsa ferm u dwar dawn nixtieq nistaqsi x'għamel id-Dipartiment tal-Kuntratti meta rinfaċċat b'dawn l-akkużi.

Nixtiequ nfakkru li l-ewwel funzjoni tiegħek hekk kif imniżżla fir-regolament 12(1)(a) fil-Liġi Sussidjarja 601.03 hija s-segwenti

> " jwettaq monitoraġġ fuq l-attivitajiet ta' akkwisti pubbliċi bil-għan li jiżgura li dawn ir-regolamenti jiġu osservati u li jiżgura li r-riżultati ta' dawn l-attivitajiet ta' sorveljanza jkunu disponibbli għall-pubbliku permezz ta' mezzi xierqa ta' informazzjoni''

**Dawn is-sentenzi jindikaw dubju dwar kemm id-dipartiment tiegħek qed jadqi l-funzjoni assenjata lilu mil-liġi. Min dawn is-sentenzi, li jidher huwa li d-Dipartiment tiegħek minflok qiegħed hemm sabiex jara li dawn l-affarijiet ma jseħħux qed ikun kompliċi fihom.**

Dawn ta' hawn fuq huma biss żewġ każijiet li inġiebu għal attenzjoni tagħna u min informazzjoni li għandna jidher li issa morna pass oltre min dan u li wasalna f'sitwazzjoni fejn ċerti awtoritajiet kontraenti qed japprovaw huma l-użu tad-*direct order* għal mijiet ta' eluf b'mod partikolari awtoritajiet kontraenti marbutin mat-trasport.

X'inhi l-pożizzjoni tad-Dipartiment tal-Kuntratti fuq dawn iċ-ċirkustanzi u x'azzjoni ittieħdet f'dan ir-rigward? Nixtiequ nistaqsu min ħallas għal dawn id-*direct orders* u jekk hux qed jittieħdu passi dixxiplinari skont ma jitlob il-*Fiscal Responsibility Act*?

Jiddispjaċina ngħidu li bħala ċittadini Maltin inħossuna dispjaċuti ferm li dipartiment bħal dak tal-kuntratti li għandu rwol tant kruċjali għal kif jintefqu l-finanzi pubbliċi u kif jitqassam il-ġid b'mod ekwu jidher impotenti u jħalli dawn l-abbużi isiru. **Nistednuk ma tibqax tkun kompliċi f'dan l-abbuż!**

Nistennew risposta mingħandek,

Dr Peter Agius, Kelliem Ewlieni

Dr Darren Carabott, Chairman Kumitat tal-Kontijiet Pubbliċi

Partit Nazzjonalista, Dar Ċentrali, Triq Herbert Ganado Pieta, PTA 1450